II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-10 ta' Lulju 2007

li taħtar membru Spanjol fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2007/518/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/524/KE, Euratom li taħtar il-membri Ċeki, Ġermaniżi, Estonjani, Spanjoli, Franċiżi, Taljani, Latvjani, Litwani, Lussemburgiżi, Ungeriżi, Maltin, Awstrijaċi, Sloveni u Slovakki fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [1],

Wara li kkunsidra n-nomina mressqa mill-Gvern Spanjol,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi post ta' membru Spanjol fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara r-riżenja tas-Sur Pedro BARATO TRIGUERO,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Pedro Raúl NARRO SÁNCHEZ huwa maħtur membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew minflok is-Sur Pedro BARATO TRIGUERO għall-perijodu li jifdal tal-mandat tiegħu, jiġifieri sa l-20 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. TEIXEIRA DOS SANTOS

[1] ĠU L 207, 28.7.2006, p. 30.